**MINUTI**

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 67/2023

It-Tlieta, 28 ta' Frar 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba –Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku, Dott Marlene Cini

**67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

67.1 Billi l-membri kollha kienu preżenti ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

67.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 64/2023-8, Nru 65/2023-8 u Nru 66/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

67.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

67.2.3 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 64/2003-8, 65/2023-8 u 66/2023-8, u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

67.3.1 Is-Sindku Dott. Marlene Cini nfurmat lill-membri li wara l-aħħar maltempata fi Triq Ta' Ċenċ waqa' parti mill-ħajt tas-sejjieħ bil-konsegwenza li tista' ċċedi parti mit-triq ta' fuq. Qalet ukoll li tneħħa l-ġebel li kien hemm fin-nofs tat-triq. Wara diskussjoni l-membri qablu li wara li jħejji rapport il-Perit tal-Kunsill u ssir talba b'urġenza lil Ministeru għal Għawdex f'dan ir-rigward.

67.3.2 Is-Sindku nfurmat lill-membri li rigward il-kisi mill-ġdid ta' Triq il-Qbajjar, ġiet infurmata mill-Ministeru għal Għawdex li ser jinħarġu l-offerti. L-Awtoritjiet ikkonċernati ġew mitluba sabiex jimmarkaw fejn għandhom is-servizzi sabiex il-Perit ikun jista' jħejji l-BOQs meħtieġa. Hija rringrazzjat lill-Ministeru għal Għawdex għal dan l-investiment dirett f'Marsalforn.

67.3.3 Infurmat lil membri li rigward l-ingaġġ għal librar għal librerija pubblika, il-kandidata li ġiet magħżula rrifjutat minħabba raġunijiet li m'għandhiex kontroll fuqhom. Kompliet tgħid li dan ix-xogħol ġie offrut lit-tieni wahda pero l-Kunsill baqa bla risposta. Għaldaqstant il-librerija xorta waħda qed tinfetaħ. Żiedet tgħid illi student mis-6th form ser ikun qed jagħmel xi 20 siegħa xogħol ta' proġett f'din il-librerija.

67.3.4 Is-Sindku infurmat lil membri li x-xogħol fi sqaq fi Triq Għajn Mhelhel tlesta dan ix-xahar.

67.3.5 Infurmat lil membri li kellha laqgħa mal-*Intervention team* tal-MGOZ rigward bye-law fuq l-attivitajiet fuq il-bajjiet tal-lokalita'. Peress li l-Menqa diġa għandha *blue flag* u qed isir xogħol sabiex bajja oħra ssir *blue flag.* Talbu sabiex isir bye-law fuq il-bajjiet. Is-Sindku infurmat lil membri li l-bajjiet qedgħin biex jitgawdew minn nies u għalhekk għandhom jiġu sorveljati l-abbużi. Il-membri qablu li għandhom isiru aktar diskussjonijiet f'dan ir-rigward.

67.3.6 Rigward il-Ġimgħa Mqaddsa li ser tkun fil-bidu t'April, il-membri qablu li ssir b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet bħalma jsir ta' kull sena.

67.3.7 Rigward il-Clean-Up, is-Sindku rringrazzjat lil Cast-Out u Nadur Nadif tal-ħidma tagħhom fil-lokalita'. Il-membri qablu li ssir clean-up f'nofs Marzu f'Marsalforn.

67.3.8 Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li tingħata tifkira lil ommijiet għal Jum l-Omm bħal ma ngħata f'Jum il-Missier li ser issir fl-14 ta' Mejju.

67.3.9 Rigward ix-Xwejni Music Fest 2023 infurmat lil membri li kellha laqgħa mad-Direttorat għal Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Minħabba li s-sena l-oħra dan il-festival kien suċċess, il-Ministeru ser jidħlu f'kollaborazzjoni fejn ser jieħdu ħsieb il-loġistika u għajnuna finanzjarja. L-ispiża għal Kunsill ser tkun waħda minima dik ta' €5,000. Kompliet tgħid li l-istalls ser jieħdu ħsiebhom l-Għaqdiet tal-lokalita' bħal ma sar is-sena l-oħra. Dan il-festival ser isir fit-22 ta' Lulju 2023. Il-Kunsillier

Nicky Saliba staqsa jekk l-flus mid-Direttorat inġabrux. Is-Sindku nfurmatu li r-rapport ġie sottomess u kemm jinġabru l-flus.

67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

67.4.1 *Il-Viċi Sindku Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

67.4.1.1 Talba għal *personalized reserved disabled parking bay* fi Triq Għar Qawqla. Il-membri qablu.

67.4.1.2 Talbet lil Kunsillier Baskal Saliba sabiex tiġi aġġornata l-*website* tal-Kunsill billi jaħdem bħala IT officer mar-Reġjun t'Għawdex. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li dawn qed jiġu aġġornati tal-Kunsill kollha bl-istess *layout* mir-Reġjun.

67.4.1.3 Fakkret lil membri fl-ilma ħiereġ fi Triq il-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata illi din ser tiġi diskussa f'item 67.9.

67.4.1.4 Talbet sabiex jitranġaw xi tappiera fuq il-bankina fi Triq il-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata illi din ser tiġi ukoll diskussa f'item 67.9.

67.4.1.5 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin madwar Marsalforn. Il-membri qablu.

67.4.1.6 Infurmat lil membri li l-bozza ta' Triq ir-Rabat għadha mitfija. Is-Seg. Eżekuttiv ser terġa tagħmel tfakkira lill-electrician.

67.4.1.7 Rigward il-bank li weħel fil-kantuniera fi Triq il-Qbajjar fejn kienu qed jitfgħu ż-żibel talbet sabiex jerġa jinqala'. Wara diskussjoni l-membri ma qablux u minflok teħel tabella u jiġu nfurmati l-awtoritajiet sabiex jagħmlu aktar sorveljanza.

67.4.1.8 Sabiex issir tfakkira għat-twaħħil tar-railing ta' l-istainless steel tat-taraġ ta' fejn l-għassa.

67.4.2 *Il-Kunsillier is-Sur Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:*

67.4.2.1 Rigward il-bozzoz ta' Triq Santa Marija sal-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dawn tranġaw.

67.4.2.2 Rigward talba li ressaq f'Awwissu 2022 sabiex jerġgħu jinżebgħu d-*dragon teeth* fi Triq il-Knisja. Is-Sindku nfurmatu li dawn mingħalija li saru. Is-Seg. Eżekuttiv għandha terġa tibgħat tfakkira fuq il-Gozo LC Works.

67.4.2.3 Staqsa rigward il-laqgħa li kellha ssir il-pjazza flimkien ma l-Inġineer ta' l-Enemalta. Is-Sindku infurmatu li din ser tiġi diskussa f'item 67.9.

67.4.3 *Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

67.4.3.1 Qal li ser jagħmel tfakkira sa Marzu kull laqgħa għal kisi mill-ġdid ta' Triq il-Ponta.

67.4.3.2 Staqsa jekk il-Kunsill irċiviex is-survey li kellu jsir fuq il-problema ta' l-ilma fi Triq il-Ponta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li reġgħet tbatet tfakkira lill-Perit f'dan ir-rigward.

67.4.3.3 Rigward ħajt ta' Triq Ħabel it-Twil li waqa' fit-triq. Is-Sindku nfurmatu li dan il-ħajt ġie rraportat fuq il-Gozo LC Works. Is-Sur Cordina qal li dan jista' jsir bil-kantun minn naħħa tal-Kunsill. Il-membri qablu li jsir ix-xogħol.

67.4.3.4 Qal li bl-ebda offiża lejn ħadd bli ser jgħid. Qal li bħala Kunsill dejjem ta l-appoġġ lejn l-Għaqdiet. Żied jgħid illi hemm xnieha li l-Kunsill mhux ser jgħin iktar. Is-Sindku nfurmatu illi dan mhux minnu peress li għadha kemm ressqet proposta sabiex il-Ġimgħa Mqaddsa ssir b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqdiet. Il-Kunsillier Cordina qal li għal korrettezza u għal min irid jitfa dawl ikrah fuq il-Kunsill, il-Kunsill dejjem kien u ser ikompli jkun ta' appoġġ u jaħdem id f'id ma l-Għaqdiet. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li ma jixtieqx li jiġri bħas-sena l-oħra u l-Kunsill ma jiltaqax ma' l-Għaqdiet qabel il-festa. Is-Sindku nfurmatu illi kienet saret laqgħa waħda li ġiet imsejħa mill-Arċipriet. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-Kunsill għandu wkoll jagħmel laqgħa ma l-Għaqdiet. Il-Kunsillier Cordina qal li l-Kunsill għandu jkun disisjocjat mill-Paroċċa għax il-Kunsill għandu s-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera li jmexxu l-Kunsill. Kompla jgħid illi bħala Kunsill konna kompliċi u morna fejn l-Isqof sabiex jitneħħa l-Arċipriet. Iddikjara li hu ma

marx fejn l-Isqof biex jagħmel xi ħsara għax jinsab kuntent bit-tmexxija tal-parroċċa. Is-Sindku ddikjarat illi hi marret fejn l-Isqof fil-kompitu ta' residenta bħala Marlene Cini residenta miż-Żebbuġ u mhux bħala Sindku membru tal-Kunsill. Il-membri qablu li l-Kunsill ser jibqa' jaħdem id f'id ma' l-Għaqdiet. Is-Sindku ddikjarat li għandha pjaċir bl-Għaqdiet u bħala Kunsill taqbel li jibqew jiġu mgħejjuna u l-flus jibqew jintefqu fir-raħal tagħna.

67.4.3.5 Fakkar sabiex jeħel dak it-taraġ li għandu jeħel fil-Bajja tax-Xwejni.

67.4.4 *Il-Kunsillier is-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:*

67.4.4.1 Iddikkjara li hu ma marx fejn l-Isqof la fil-kompitu tiegħu bħala resident u lanqas bħala membru tal-Kunsill.

67.4.4.2 Informa lill-membri li l-ħaxix minn Triq ix-Xagħra inqata' u talab sabiex tinkines. Ser tinġibed l-attenzjoni tal-ħaddiema li jieħdu ħsieb dawn l-inħawi.

67.4.4.3 Rigward it-Triq ta' Ċenċ li qed tisfronda qal li għandu jintbgħat il-Perit mill-aktar fis possibli ghax qed iċedi. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab li għandha tingħalaq it-triq sakemm isir ix-xogħol meħtieġ. Din il-materja diġa ġiet diskussa.

67.4.4.4 Kellmu resident li għandu *floodlight* imwaħħla mal-proprjeta tiegħu li qed tixgħel il-Knisja. Il-Kunsillier Baskal Saliba u Daniel Cordina proponew li teħel mal-każin tal-PN. Dawn għandhom jitolbu permess lil kumitat sabiex tkun tista' teħel.

## 67.5 Budget 2023

Is-Sindku preżentat il-Budget 2023. Il-membri qablu li dan għandu jiġi approvat u ffirmat.

## 67.6 Ingaġġ ta' Ħaddiem Klerikali mal-Kunsill Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat u preżentat ir-rapport mill-Bord ta' l-Għażla għal ingaġġ ta' ħaddiem klerikali fuq skala 15. Is-

Sindku ssuspendiet il-laqgħa sabiex jiġi diskuss ir-rapport b'mod liberu u dan minħabba *data protection*. Wara diskussjoni, l-membri qablu mar-rekomandazzjoni tal-bord ta' l-għażla. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona u l-membri qablu li għal intervisti oħra li għandhom isiru għal ingaġġ ta' Asst. Prinċipal ma jiġux mistoqsija jekk għandhomx liċenzja tal-karozza.

*Is-Sindku talbet sabiex l-items ta' l-Agenda 67.7 u 67.8, Jum iż-Żebbuġ 2023 u Skambju ma' Lanuvio jiġu diskussi flimkien peress li ser jkunu fl-istess ġranet.*

67.7 / 67.8 **Jum iż-Żebbuġ 2023 /Skambju ma' Lanuvio**

Is-Sindku nfurmat lil membri li delegazzjoni minn Lanuvio ser tigi mill-21 sal-25 t'April 2023. Kif diġa maqbul iċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żebbuġ ser issir is-Sibt, 22 t'April 2023. Qalet li ukoll ġie maqbul li din iċ-ċerimonja ssir f'sala tat-tiġijiet pero minħabba l-piż finanzjarju aħjar issir fis-Sala tal-Banda. Il-Kunsillier Nicky Saliba ma qabilx ma dan minħabba li ma jkunx hemm wisa' biżżejjed. Il-Kunsillier Daniel Cordina fakkar x'kien laqqat il-Kunsill minħabba l-flus li ntefqu. Wara diskussjoni l-membri qablu li ssir fis-sala tal-Każin tal-banda. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa jekk hux ser isiru diskorsi mill-Kunsilliera. Is-Sindku ma sabitx oġġezzjoni ta' dan u qablu li għandhom isiru diskorsi mill-Kunsilliera. Il-membri qablu li fil-quddiesa ta' radd il-ħajr titqabbad il-Banda waqt li għaċ-ċerimonja jitqabbdu il-Korijiet. Rigward Ġieħ iż-Żebbuġ 2023, wara diskussjoni, l-membri qablu li jingħata lil Colombia Cefai bħala ex-Kunsilliera.
Rigward l-attivita' li ssir fil-Pjazza, Festa' Tfal u tberik ta' l-annimali, is-Sindku proponiet u l-membri qablu li ssir il-Ħadd, 23 t'April 2023 u tintalab l-għajnuna tal-Cultural Funds.
Il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr issir f'Jum iż-Żebbuġ jiġifieri fit-28 t'April.
Fl-iskambju ta' Lanuvio, is-Sindku nfurmat lil membri li inġabru kwotazzjonijiet sabiex jiġu alloġġjati f'Dar Stella Maris fuq bażi ta' *bed and breakfast* għal prezz ta' €25 kull lejl. Bħala pranzu jitqassmu fil-ħwienet tal-lokalita', irid jiġi maħsub it-trasport għal 29 persuna u jsir programm ta' attivitajiet. Il-membri qablu.

67.9 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

67.9.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva taħrika mill-Qorti għal inċident li seħħ fis-7 t'Awwissu 2019 fejn waqa' zokk ta' siġra fuq karozza fil-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri qablu li l-parkeġġ mhux responsabilita' tal-Kunsill kif diġa ġew infurmati permezz ta' ittra mill-Avukat tal-Kunsill f'Settembru 2019

67.9.2 Rigward il-kanal li hemm taħt il-bankina fi Triq ta' Barda u li ssemmiet fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li wara li tkellmet ma' tas-Sanita, dawn infurmawh illi dan il-kanal hu perikoluż minħabba li bħalissa imxarrab u jrid jinxef l-ilma sabiex ikun jista' jiġi mħammel. Il-Kunsillier Cordina qal li dan mhux minnu peress li f'garaxx hemm aċċess għal dan il-kanal u talab sabiex tinġab pompa sabiex jitnaddaf. Il-membri qablu li għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa ma' tal-pompa sabiex jippompja dan il-ħama u dan sakemm l-istess xogħol mhux qed isir f'propjeta' privata.

67.9.3 Talba għal double yellow lines quddiem l-entratura tal-bieb Nru 63, Triq Skappuċċina sabiex ikollha aċċess biex tkun tista' tidħol peress li tuża *walking aid* u dan għax qed jipparkjawlha l-karozzi quddiem l-istess entratura. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

67.9.4 Proposta sabiex isir *shower* fuq barra fejn il-latrina tax-Xwejni u dan sabiex ikun jista' jintuża Sajf u Xitwa. Ma kienx hemm qbil f'dan ir-rigward.

67.9.5 Talba mingħand it-tenur Michel Angelo Muscat sabiex itella Kunċert b'mużika sagra fil-Knisja ta' Marsalforn. Dan talab sabiex il-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni miegħu. Ma kienx hemm qbil f'dan ir-rigward.

67.9.6 Talba sabiex jingħata permess biex isir beach party fis-26 ta' Mejju fil-Bajja tax-Xwejni. Il-membri ma qablux li jingħata permess li jsir hemm pero minflok isir fi Triq il-Qolla l-Bajda b'mużika moderata u skont ir-rikjesti mitluba mill-Awtoritajiet konċernati.

67.9.7 Talba sabiex isiru meter double yellow lines fil-ġnub ta' garaxx quddiem il-proprjeta' ta' A. Cini ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu.

67.9.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-Evaluation Report għal 'Tender for the provision of Architectural Services in relation to projects undertaken by Zebbug (Gozo) Local Council. Il-membri qablu mar-rapport tal-bord li qed jirrakkomanda lil Perit Edward Scerri.

67.9.9 Cirkulari No2/2023 – emendi fir-regolamenti dwar l-ikklampjar u tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' Ingombru (Leġislazzjoni sussidjarja 65,13) u emendi fir-regolarmenti dwar is-sinjali tat-traffiku u l-marki tal-karreġġata (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05). Il-kontenut ġie nnotat mill-membri.

67.9.10 Emejl mid-Direttorat għall-Wirt kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn ser ikun qed jorganizza sezzjonijiet ta' Għana kull nhar ta' Ħadd ġewwa Pjazzez differenti madwar Għawdex. Iż-Żebbuġ ser issir fis-7 ta' Mejju mid-9am sa' l-10.30am. Il-Kunsill ser ikun qed iħallas għal ispejjes tal-organizzazzjoni u wara jiġi rifus. Il-membri qablu.

67.9.11 Emejl mid-Dipartiment għal Gvern Lokali għal lista' ta' proġetti relatati ma amministrazzjoni ta' zoni ta' parkeġġ. Il-kontenut ġie nnotat u ġie ddikjarat li ma hemmx żoni ta' parkeġġ li ser jiġu amministrati.

67.9.12 Talba mingħand sid ta' għalqa fid-Dabrani fejn waqalu l-ħajt tas-sejjiegħ wara l-maltempata. Il-membri qablu li ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

67.9.13 Il-membri ġew infurmati li twaħħlet il-pannella ta' l-Exhibition on the Road fejn l-għassa taż-Żebbuġ u li ser tkun hemm fis-27 ta' Frar sat-13 ta' Marzu 2023.

67.9.14 Talba mingħand sid ta' ħanut fi Triq il-Wied fejn talbet sabiex tinbidel it-tabella tal-pedestrians li minflok tkun miftuħa mill-4am sa nofsinhar u mill-5pm sas-6pm minflok tinbidel għal mill-

4am sa' l-10am mingħajr eċċezzjonijiet. Il-membri ma sabux oġġezzjoni u qablu li għandha tintbgħat it-talba lil Transport Malta.

67.9.15 Emejl mill-Local Council Assoc. fejn talbu lil Kunsilli jipparteċipaw fl-Earth Hour li ser tkun is-Sibt, 25 ta' Marzu. Il-membri qablu li jintefa' il-Monument tal-Gwerra li hemm fi Pjazza l-Assunta.

67.9.16 Emejl mid-DLG fejn qed jiġbru informazzjoni dwar is-servizzi li qegħdin joffru l-Kunsilli mill-uffiċċini tagħhom u lista' ta' aktar servizzi li jippropni l-Kunsill li joffri u li ma humiex joffru bħalissa. Il-membri proponew li jibda' jiġi offrut is-servizz tal-posta.

67.9.17 Emejl mill-Otters ASC għal xiri ta' ktieb li qed jiġi ppubblikat għal prezz ta' €25. Il-membri qablu li jinxtraw żewġ kotba.

67.9.18 Talba mingħand residenta fi Triq il-Qbajjar li toqod maġenb ir-restaurant fejn qalet li kellha xi sadd fid-drenaġġ u malli marret biex tiftaħ is-sifjuni dawn kienu bil-madum u kellha tkisser ħafna mill-madum. Talbet sabiex minflok isiru tal-plastik ħalli jinfetħu faċilment. Il-membri qablu li jiġi vverifikat x'ġara eżatt u jsiru tal-plastik.

67.9.19 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li waqgħet bozza nru 190/66 fi Triq Franġisk Stivala fuq karozza kawża ta' l-aħħar maltemp. Sid il-karozza ġab rapport tal-Pulizija. Kompliet tgħid illi wara li ġie vverifikat ma' l-insurance tal-Kunsill xi jrid isir biex tinfetaħ *claim* din ġiet infurmata illi trid titħallas *policy access fee* ta' €350 mill-Kunsill. Wara diskussjoni l-membri qablu li l-ewwel għandu jiġi verifikat kemm hi l-ispiża biex tissewwa l-karozza qabel ma tinfetaħ xi *claim.*

67.9.20 Talba sabiex jinbena il-ħajt baxx u perikoluż li jċedi fi Triq is-Sagħtrija. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

67.9.21 Emejl mid-DLG fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi ser jitwaqqaf l-internet TECH.mt peress li dan mhux qed jintuża mill-pubbliku. Il-kontenut ta' din l-emejl ġie nnotat.

67.9.22 Sabiex teħel tabella 'no left turn' fi Triq Franġisk Stivala kantuniera ma Triq Madonna taċ-Ċiċċri peress lil l-karozzi qed jitilgħu *one way* biex imorru għal Taċ-Ċaqra. Il-membri ma qablux peress li diġa hemm sinjali li juru li t-triq hi 'one way'.

67.9.23 Ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq taċ-Ċaqra. Il-membri qablu li jintbgħatu l-ħaddiema tal-Kunsill biex jitranġa.

67.9.24 Cirkulari Nru 3/2023 – emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu permessi mill-Kunsilli Lokali – Sistema ta' applikazzjoni Fast Track. Permessi li joħorġu f'inqas minn 48 siegħa hemm *charge* ta' €30 *extra* barra l-permess. Il-kontenut ġie nnotat u se jinħareġ avviż fuq il-mezzi soċjali f'dan ir-rigward.

67.9.25 Talba sabiex tiġi mressqa bozza minn mal-kantuniera ta' St Paul Court, Triq ix-Xwejni u teħel iktar il-ġewwa mal-istess binja peress li s-sid għandu permess li jwaqqa'. Il-membri qablu.

67.9.26 SPI.SCI/10/2022 – Żvilupp u Titjieb ta' latrini pubbliċi. Il-membri qablu li l-latrina tal-Qbajjar Promenade tiġi *automated* u jsirilha madum ġdid.

67.9.27 Il-membri ġew infurmati li ser issir laqgħa fi Pjazza l-Assunta flimkien mal-Perit tal-Kunsill, l-Inġineer ta' l-Enemalta u r-residenti tal-Pjazza nhar it-8 ta' Marzu fis-2.00 ta' wara nofsinhar sabiex tiġi diskussa t-triq 'il quddiem għat-tneħħi tal-*wires* minn mal-faċċati.

67.9.28 Talba sabiex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera ta' Triq Għajn Mhelhel. Wara diskussjoni, il-membri ma qablux ma' din it-talba.

67.9.29 Talba sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin matul Wied l-Abjad. Il-membri qablu li jinqata' bħal ma nqata' s-sena l-oħra.

67.9.30 Ilment sabiex titnaddaf fejn hemm is-siġra fi Triq ta' Milied. Il-membri qablu.

67.9.31 Sabiex issir talba lil Transport Malta sabiex jinżebagħ *double yellow line* quddiem il-bankina tiegħu fi Triq Dun Karm Cachia peress li mhux qed ikollu aċċess biex jidħol minħabba l-karozzi li

jkun hemm ipparkjati. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta f'dan ir-rigward.

67.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 43/2023 għall-perjodu ta' Frar 2023 li tammonta għal € 79,159.78 ġiet approvata u ffirmata.

67.11 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Dott Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv